**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 121/2017 AF**

**Antonia Dalli**

**vs**

**Antoine Vassallo u martu Antonia Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Antonia Dalli li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimati ghandhom ihallsu lill-esponenti s-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija tlieta u sebghin Ewro (€62,973) rapprezentanti somma li giet mislufa mill-esponenti lill-istess intimati.

Ghalkemm l-intimati gew mitluba jroddu lura l-imsemmija somma huma baqghu inadempjenti.

Id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jqajjmu ghat-talba ghall-hlas.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu lill-esponenti s-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija tlieta u sebghin Ewro (€62,973) rapprezentanti somma li giet mislufa mill-esponenti lill-istess intimati.

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somma ta' tnejn u sittin elf disa' mija tlieta u sebghin Ewro (€62,973) ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 223/17 prezentat kontestwalment, u bl-imghax b'effett millum, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lil Antoine Vassallo jixhed viva voce.

Fic-cirkostanzi, tqis li Antoine Vassallo m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq u ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza fil-konfront ta' Antoine Vassallo billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Antoine Vassallo jhallas lil Antonia Dalli s-somma ta' €62,973 (tnejn u sittin elf, disa' mija u tlieta u sebghin Ewro) bl-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Antoine u Antonia Vassallo.

IMHALLEF

DEP/REG